04/2026

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

25 TA'MARZU 2026

## IL-KUNSILL TAL-KTP JIKKONKLUDI L-INVESTIGAZZJONI DWAR IL-KOLLASS PARZJALI TA' ĦAJT FIL-QASAM INDUSTRIJALI TA'BULEBEL

B'referenza għall-istqarrija għall-istampa maħruġa fit-18 ta' Marzu 2025, il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti jixtieq javża li l-investigazzjoni dwar jekk il-kollass parzjali ta' ħajt li seħħ is-sena l-oħra fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel kienx ir-riżultat ta' negliġenza professjonali ġiet magħluqa.

Fit-tmien tal-investigazzjoni tiegħu, il-Kunsill ikkonkluda li l-kollass kien ir-riżultat ta' sekwenza żbaljata fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet mill-kuntrattur, inkluż in-nuqqas li jimtlew il-briks fil-ħitan ta' barra, li kienu ddisinjati biex jerfgħu l-piż ta' saqaf qabel ma jingħata l-konkos.

Il-Kunsill innota wkoll li l-proġett kien ikkaratterizzat minn xogħol fqir f'partijiet oħra tal-proġett, b'mod partikolari fil-fili tal-bricks li ma ltaqgħux f'waħda mill-kantunieri tal-binja minħabba nuqqas ta' livellar tal-filati skond is-sengħa u l-arti.

Mill-evidenza miġbura, irriżulta b'mod ċar li l-kollass ma seħħx b'riżultat ta' diżinji jew istruzzjonijiet negliġenti, jew b'mod aktar ġenerali minħabba xi negliġenza professjonali oħra min-naħa tal-perit tal-proġett.

Fil-fatt, il-Kunsill osserva li l-eżekuzzjoni korretta tax-xogħlijiet taqa' taħt ir-responsabbiltà esklussiva tal-kuntrattur u/jew tal-bennej liċenzjat, u li l-perit mhux responsabbli li jissorvelja direttament il-kwalità tax-xogħlijiet f'siti ta' kostruzzjoni, peress li dan jikkostitwixxi kunflitt ta' responsabbiltajiet li jwassal biex jiġu trasferiti l-obbligazzjonijiet legali tal-kuntrattur għal fuq il-perit, u jinkisru prinċipji bażiċi ta' imparzjalità u indipendenza.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li jagħlaq din l-investigazzjoni.

**TMIEM**

52, Triq San Pawl
Valletta VLT 1212
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti